# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 27**

**Citazzjoni Numru: 2295/00 GC**

**Mediterranean Offshore Bunkering Co Limited**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Marzu 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Il-Qorti
>
> "Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici Mediterranean Ofshore Bunkering Co. Limited ippremettiet:-
>
> "Illi s-socjeta' attrici forniet lis-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited b' Bunkers fuq ordnijiet tal-istess socjeta' konvenuta.
>
> "Illi s-socjeta' konvenuta baqaghlha thallas lis-socjeta' attrici bilanc ta' disat elef seba' mija u tlieta u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u disghin cent (USD9773.94) (vide Dok. "A" hawn anness), ekwivalenti ghas-somma ta' erbat elef erba' mija u hamsa u hamsin Lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,455.86) meta mahduma bir-rata tal-

kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fit-12 ta' Ottubru 2000 fejn Lira Maltija (Lm1) hi ekwivalenti ghal tnejn punt wiehed disgha tlieta hamsa (2.1935), jew l-ekwivalenti ta' disat elef eba' mija u tlieta u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u disghin cent (USD9773.94) mahduma bir-rata tal-kambju ta' meta jsir il-hlas skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti.

"Illi wara li kien sar dan il-forniment u s-socjeta' konvenuta kienet diga naqset li thallas il-bilanc minnha dovut, l-istess socjeta' konvenuta kienet intrabtet illi kellha thallas il-bilanc hawn imsemmi permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm1,000 izda xorta baqghet inadempjenti u naqset li thallas dawn il-pagamenti.

"Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet diversi drabi interpellata thallas l-ammont minnha dovut, anke ufficjalment, hija xorta baqghet inadempjenti.

"Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundanata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef seba' mija u tlieta u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u disghin cent (USD9773.94) ekwivalenti ghas-somma ta' erbat elef erba' mija u hamsa u hamsin lira maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,455.86) meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta fit-12 ta' Ottubru 2000 fejn lira maltija (Lm 1) hi ekwivalmenti ghal tnejn punt wiehed disgha tlieta hamsa ($2.1935), jew l-ekwivalenti ta' disat elef seba' mija u tlieta u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u disghin cent ($9773.94) mahduma bir-rata tal-kambju ta' meta jsir il-hlas skond kif jigi deciz minn din il-Qorti.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Lulju 2000 u tal-mandat ta' sekwestru Numru 3621/00 ppresentat fil-5 ta' Ottubru 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-forniment sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti legali taghha gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tass-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tal-istess socjeta'.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit: -

"Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut mis-socjeta' eccipjenti imma mill-vapur BROVARY u l-armaturi tieghu ghax il-fuel supplit mis-socjeta' attrici gie konsenjat direttament abbord l-istess vapur u iffirma ghalih il-kaptan tieghu u l-konsenja saret "duty free" propju ghax kienet ghall-vapur. Ghalhekk l-ammont pretiz se mai jista' jkun biss dovut mill-vapur u l-armaturi tieghu.

"Illi ghalkemm il-bunkers kienu gew ordnati mis-socjeta' eccipjenti, dan sar ghan-nom u fl-interess tal-vapur u l-armaturi tieghu u l-esponenti

agixxiet bhala agent. Pero' ladarba il-principal taghha ma poggiehiex "in funds", hi mhux tenuta li thallas l-ammont pretiz.

"Illi, subordinatament, l-ammont indikat fic-citazzjoni f'munita Amerikana ma jaqbilx mar-rati tal-kambju li kienu japplikaw fid-dati tal-konsenja u l-pagamenti akkont li lahqu saru.

"Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

"Semghat lix-xhud Hugh Attard Montalto imsejjah mis-socjeta' attrici.

"Semghat lix-xhieda ta' Mario Tellus u Lawrence Sammut imsejjhin mis-socjeta' konvenuta.

"Semghat lill-xhud David Jones Direttur tas-Societa' konvenuta msejjah mill-istess Societa'.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-Societa' attrici

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-Societa' konvenuta

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha ezibiti

"Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza

"Ikkonsidrat:

"**Kunsiderazzjonijiet Fattwali**

"Is-socjeta' attrici inizjat din il-kawża kontra s-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited għaliex tallega li hija forniet servizzi tal-"bunkering" lis- socjeta' konvenuta fuq ordnijiet tal-istess, u tgħid ukoll illi din baqaghlha thallas lis-socjeta' attrici bilanc ta' disat elef seba' mija u tlieta u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u disghin cent ($9773.94) ekwivalenti ghas-somma ta' erbat elef erba' mija u hamsa u hamsin Lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,455.86) meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta tat-12 t' Ottubru 2000. Hija qieg]da titlob lill-Qorti tordna s-soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont jew l-ekwivalenti ta' disat elef eba' mija u tlieta u sebghin Dollaru Amerikan u erba' u disghin cent ($9773.94) mahduma bir-rata tal-kambju ta' meta jsir il-hlas.

"Is-soċjetà attriċi tgħid illi wara li kien sar dan il-forniment tal-fuel, u wara illi s-socjeta' konvenuta kienet naqset li thallas il-bilanc minnha dovut, l-istess socjeta' konvenuta kienet intrabtet li kellha thallas il-bilanc imsemmi permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm1,000 izda, dejjem skond is-socjeta' attrici, xorta baqghet inadempjenti u naqset li thallas dawn il-pagamenti.

"Illi da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tgħid illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut imma semmai hu dovut mill-vapur BROVARY. Skond is-socjeta' konvenuta issostni, f'dan ir-rigward li l-ammont hu dovut mill-armaturi tal-imsemmi vapur stante li l-fuel supplit mis-socjeta' attrici gie konsenjat direttament abbord l-istess vapur u ffirma ghalih il-kaptan tieghu u l-konsenja saret "duty free" propju ghax kienet ghall-vapur.

"Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi ghalkemm il-bunkers kienu gew ordnati mis-socjeta' konvenuta, dan sar ghan-nom u fl-interess tal-vapur u l-armaturi tieghu u hija agixxiet bhala agent. Pero' ladarba il-principali taghha ma poggiehiex "in funds", hi mhux tenuta li thallas l-ammont pretiz.

"Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi l-ammont indikat fic-citazzjoni f'munita Amerikana ma jaqbilx mar-rati tal-kambju li kienu japplikaw fid-dati tal-konsenja u l-pagamenti akkont li lahqu saru.

"Fid-dikjarazzjoni, is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi ghalkemm saru pagamenti akkonti fl-ammont ta' Lm6000 bla pregudizzju, is-socjeta' attrici ma tatx ricevuti u in effett il-bilanc dovut hu ta' Lm3820.16 u mhux dak indikat fic-citazzjoni.

"**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

"L-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa bilanc ta' somma akbar għal servizzi ta' bunkering li gew prestati favur l-imsemmi bastiment u dan f'zewg okkazjonijiet. L-ewwel konsenja tal-fuel saret f'Marzu 1998, u t-tieni konsenja f'April 1998. Fil-kawża odjerna, mhuwiex qiegħed jiġi ikkontestat illi dawn is-servizzi in effettt inghataw u kwindi hu pacifiku li l-fuel ingħata. Is-soċjetà konvenuta teċepixxi illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut mis-socjeta' eccipjenti imma mill-vapur BROVARY u l-armaturi tieghu ghax il-fuel supplit mis-socjeta' attrici gie konsenjat direttament abbord l-istess vapur u iffirma ghalih il-kaptan tieghu u l-konsenja saret "duty free" propju ghax kienet ghall-vapur. Ghalhekk l-ammont pretiz se mai, skond il-konvenuti, jista' jkun biss dovut mill-vapur u l-armaturi tieghu.

"Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni jiġi osservat illi jirriżulta mill-provi illi, kif qiegħda tgħid is-soċjetà konvenuta, il-fuel ġie ikkonsenjat direttament abbord l-istess vapur u li l-konsenja saret duty free. Dwar dan xehed Lawrence Sammut, Fizzjal tad-Dwana, li kien involut meta ngħata l-fuel lill-bastiment in kwistjoni, u ikkonferma illi l-fuel ġie supplit direttament lill-vapur u dan il-fuel kien supplit duty free. Hugh Attard Montaldo, xhud prodott mill-atturi, ikkonferma li l-konsenja kienet duty free, għaliex generalment, il-vapuri li jkunu registrati barra minn Malta, illi jigu suppliti bil-fuel, il-fuel jinghatalhom duty free.

"Madankollu, il-fatt illi l-fuel ġie suppliet direttament lill-vapur u kien duty free ma għandu ebda rilevanza għall-finijiet tal-kawża odjerna. Jiġi

osservat illi fir-rigward tal-ewwel talba għal supply ta' fuel, id-dokument eżebit a fol 17, ma hemm ebda riferenza illi s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda taġixxi bħala aġenti tal-vapur. Sussegwentament, fil-fax konferma ta' din l-ewwel ordni a fol 19, hemm indikat bħala x-xerrej tal-fuel il-Valletta Freight Services Limited kif ukoll hemm indikat illi Valletta Freight kienet ser tiġi invoiced ghar-rigward ta' dan is-supply. Bl-istess mod, jiġi osservat ukoll illi fir-rigward tat-tieni ordni għall-fuel, li saret permezz ta' telex a fol 20, l-ordni saret mill-Valletta Freight u fil-konferma ta' din l-ordni, a fol 22 Valletta Freight hija indikata bħala l-buyer kif ukoll hemm speċifikat illi l-invoice kienet ser tinħareġ fuq Valletta Freight.

"Ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi l-ordni tal-bunkers sar ghan-nom u fl-interess tal-vapur u l-armaturi tieghu kif lanqas ma jirriżulta ippruvat illi s-soċjetà konvenuta agixxiet bhala agent, u kwindi is-soċjetà konvenuta għandha tiġi ritenuta responsabbli ghall-hlas tal-ammont pretiz. Inoltre ghandu jinghad ukoll li bejn l-ewwel invoice datata 10 ta' Marzu 1998 – dok D, fol 19- u t-tieni invoice datata 14 ta' April 1998 – Dok G, fol 23 -is-soċjetà konvenuta ma kkontestatx mas-socjeta' attrici dwar il-fatt illi hija kienet qiegħda tidher bħala l-"buyer" fuq l-imsemmija fatturi. Ghalhekk meta s-soċjetà attriċi kienet qed titlob il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta, din tal-aħħar qatt ma laqgħet għal dan billi qalet illi hija ma kenitx responsabbli għall-ħlas.

"Lawrence Sammut xehed illi s-soċjetà konvenuta tirriżulta minn fuq id-dokumenti li ordnat il-fuel. Ma jsemmi xejn illi din l-ordni saret għan-nom ta' xi ħadd ieħor. In vista ta' dak kollu li gie premess l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti jimmeritaw li jiġu miċħuda.

"Inoltre jirrizulta sufficjentement li l-partijiet kienu ftehmu illi s-socjeta' konvenuta qablet mal-atturi li thallas il-bilanc dovut bi pagamenti mensili ta' elf lira Maltin (Lm1000). Dan il-ftehim per se hu konferma li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli li thallas il-bilanc in kwestjoni u lihi kienet naqset li thallas l-istess bilanc dovut lis-soċjetà attriċi kif kien miftiehem skond l-imsemmija fatturi. Kwindi jista jinghad li l-ftehim inkwestjoni dwar il-hlas tal-bilanc dovut f'rati mensili, cioe' d-dokument immarkat bħala dokument H, jammonta għall-ammissjoni tad-debitu.

"Sabiex jiġi stabbilit x'ammont huwa dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, wieħed irid jara x'kien il-prezz taz-zewg konsenji. Jiġi osservat illi dawn kienu jammontaw ghal dollari Amerikani erba' u ghoxrin elf, sitt mija disa' u ghoxrin punt tmienja erbgha ($24,629.84). Minn dan l-ammont għandhom jitnaqqsu l-pagamenti li jirrizulta li gia' saru mis-soċjetà konvenuta. Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet għamlet xi pagamenti, u fil-fatt Hugh Attard xehed illi l-Valletta Freight ghamlu sitt pagamenti (fol 35) Imbagħad a fol 76 ġie esebit prospett mis-soċjetà konvenuta immarkat bħala dok XX1 li jindika s-sitt pagamenti da parti tas-soċjetà konvenuta. Jiġifieri, fil-fatt, il-partijiet qed jaqblu dwar dawn is-sitt pagamenti li saru mis-soċjetà konvenuta.

"Finalment ghandu jiġi osservat l-artikolu 116 tal-Kodici Kummercjali jipprovdi li "meta l-flus imsemmijin f'kuntratt m'għandhomx kors legali f'Malta u ma jkunx ġie msemmi l-kambju tagħhom, il-ħlas jista' jsir bil-flus tal-pajjiż skont kif ikun miexi l-kambju "a vista", dak in-nhar li jagħlaq il-ħlas, u fil-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, u, jekk f 'dak il-lok ma jkunx hemm kors tal-kambju, skont ir-rata tal-kambju tas-suq l-aktar fil-qrib, kemm-il darba fil-kuntratt ma jkunx hemm il-klawsola 'in effettivi' jew xi oħra bħalha."

"B'referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Hugh Von Brockdorff noe vs Avukat Dr Alfred Mifsud" tal-7 ta' Novembru 1951(Appell Civili), fejn ġie ritenut illi l-kambju ghandu jigi kalkulat fuq ir-rata taz-zmien meta ghandu jithallas id-dejn, u mhux ta` meta d-dejn fil-fatt jithallas. Kwindi, din il-Qorti, sejra tilqa' t-talbiet atturi u fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta sejra tadotta r-rata tal-kambju applikabbli meta l-ammont kien dovut, u minn ħarsa lejn dokumenti a fol 18 u 22 jirriżulta illi l-ammonti mertu ta' din il-kawża kienu dovuti sa' 30 gurnata wara l-konsenji u ċioe l-1 ta' April 1998 u l-14 ta' Mejju 1998. Kwindi is-somma ta' $24,629.84, maħduma bir-rata ta' 2.6746 applikabbli f'dak il-mument meta kien dovut il-ħlas hija ekwivalenti għal Lm9208.79, minn dawn trid titnaqqas is-somma diġa mħallsa ta' Lm6,000, u kwindi jibqa bilanċ ta' Lm3208. 79 ekwivalenti għal euro sebat elef erba mija tlieta u sebghin u tmienja u ghoxrin 28 centezmu (€7473.28)

"Ghal dawn il-motivi kollha:-

"Tiddeciedi billi tichad l-eewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' in parte t-tielet eccezzjoni u b'hekk tilqa in parte t-talbiet tas-socjeta' u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici biss is-somma euro sebat elef erba mija tlieta u sebghin u tmienja u ghoxrin centezmu (€7473.28) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dan bl-imghaxxijiet legali mill-imsemmija data tal-14 ta Mejju 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

"Spejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta illi talbet ir-revoka taghha u allura c-cahda tat-talbiet attrici; is-socjeta` attrici talbet il-konferma taghha izda appellat incidentalment fejn talbet illi l-konvenuta tigi ikkundannata thallas is-somma kollha mitluba skont ir-rata tal-kambju meta jsir il-hlas u li l-ispejjez jigu akkollati kollha lill-istess socjeta` konvenuta.

**APPELL PRINCIPALI**

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa li hija ma kenitx il-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri u allura kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Is-socjeta` appellanti issostni kif ghamlet permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha li hija aggixxiet bhala agent tal-vapur in kwisjtoni u allura kellu jkun il-vapur li jigi citat u mhux hi.

Din il-Qorti tikkondividi l-konkuzjoni tal-ewwel Qorti li l-appellanti hija tenuta thallas il-bilanc dovut lill-appellata ghaliex l-ordni din tal-ahhar haditha minghand l-appellanti minghajr ma l-istess appellanti kkwalifikat il-pozizzjoni taghha fis-sens li qed tghid hi. Hija ghamlet l-ordnijiet (ara fol. 17 u 20 tal-process) minghajr ma qalet li kienet qed tagixxi bhala agent tal-vapur u l-appellata ghamlitha cara (fol. 18 u 22) li l-hlasijiet kellhom isiru mis-socjeta` "*Valletta Freight Services Limited as* <u>*principals*</u> *for the transaction*". (sottolinear tal-Qorti) Anke l-*invoices* baqghu johrogu fuqha. Huwa minnu li l-fatt li l-appellanti hallset xi ammonti legalment ma jfissirx wisq ghaliex wiehed jista' jhallas id-dejn ta' haddiehor (ara s-sentenza **Naudi v. Portelli Demajo**, 25 ta' Novembru 2016, Qorti tal-Appell) izda l-provi kollha f'din il-kawza jwasslu necessarjament ghall konkluzjoni li l-azzjoni attrici saret tajjeb u fil-konfront tal-konvenuta korretta. Fil-kawza fl-ismijiet **John Cordina noe v. Albino Cachia noe** (26 ta' Ottubru 1953, Appell) intqal illi meta xi hadd (f'dak il-kaz *ship chandler*) "*jigi mqabbad jew anke*

*semplicement rakkomandat mill-agent, allura huwa responsabbli lejn ix-ship chandler għall-ammont ta' kont.".*

**Dan l-aggravju huwa kwindi respint**.

**It-tieni aggravju** huwa li l-ewwel Qorti ma haditx bizzejjed konjizzjoni tal-provi migbura quddiema. Fi kliem iehor l-appellanti qed titlob li din il-Qorti taghmel apprezzament tal-provi differenti minn dak tal-ewwel Qorti, u dan principalment fir-rigward tar-responsabilita` tal-hlas mitlub mill-appellata.

Fir-rigward ta' dan l-aggravju dawn il-Qorti qalu diversi drabi li din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u ghalhekk kif qalet din l-istess Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjoniali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001) madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*. (**Attard et v. Id-Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

L-appellanti taghmel riferenzi ghall-partijiet mid-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-partijiet u tirrepeti dak li qalet fl-ewwel aggravju billi tinsisti li hija ma kellhiex titharrek. Madankollu apparti mill-fatt li din il-Qorti gia` spjegat illi fil-fehma taghha, ladarba hija ghamlet l-ordni in kwistjoni direttament, hija tenut ghall-hlas relattiv, din il-Qorti wara li ezaminat l-atti ma irriskontrat ebda raguni biex tbiddel il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward.

**Ghalhekk dan l-aggravju huwa ukoll michud.**

**L-ahhar aggravju** jirrigwardja d-data applikabbli fir-rigward tar-rata tal-kambju; l-appellanti ssostni li semmai kellha tigi applikata r-rata tal-kambju fid-dati tal-konsenji u mhux meta giet prezentata c-citazzjoni.

Dwar dan, anke l-appellata irrispondiet li l-kundanna ghall-hlas kellha ssir fil-munita Amerikana u allura f'dollari bil-kambju applikabbli meta jsir il-hlas. Fil-fatt anke fl-appell incidentali taghha hija qed titlob dan. Fil-kawza fl-ismijiet **Dr Kris Borg noe v. Air Malta** (27 ta' Gunju 2003) din il-Qorti qalet; .. "*ghall-finijiet tal-kambju, dina l-Qorti sejra tadotta r-rata tad-19 ta' Lulju, 1994 .. meta gew kagjonati d-danni, u mhux tal-20 ta' Lulju, 1994, meta saret il-claim mis-socjetà appellata*"*.* (27 ta' Gunju 2003). Anke fis-sentenza addirittura tal-1940 fl-ismijiet **Dr Gouder noe v. Micallef (Vol XXX-1-847)** din il-Qorti kienet ikkonkludiet illi l-"*kambju ghandu jkun ikkalkolat fuq meta kellu jithallas id-dejn*". Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-appellanti f'dan ir-rigward – madankollu mis-sentenza appellata jirrizulta li fil-fatt l-ewwel Qorti dak li ghamlet u cioe` ikkalkolat l-ammont dovut fuq ir-rata ta' kambju applikabli f'Mejju u April 1998 u cioe` meta kien dovut il-hlas.

Ghalhekk fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti hija tal-fehma li r-rata tal-kambju applikabbli ghandha tkun dik ta' meta kien dovut il-hlas kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

**APPELL INCIDENTALI**

Kif gia` issemma' l-appellata qed tipproponi appell incidentali fejn l-ewwelnett qed titlob li l-hlas ghandu jkun fil-munita amerikana skont ir-

rata tal-kambju meta jsir il-hlas. Dwar dan il-Qorti gia` ippronunzjat ruhha aktar qabel meta iddecidiet dwar l-appell principali u allura dan necessarjament ifisser li dan l-aggravju huwa michud.

L-appellata appellat ukoll fuq il-kap tal-ispejjez fejn talbet li din il-Qorti tordna li l-appellanti thallas l-ispejjez kollha ghaliex it-talba taghha giet akkolta u kwindi ma kien hemm ebda raguni ghaliex hija kellha tbati parti mill-ispejjez. Dwar l-ispejjez tal-kawzi l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti telliefa biex thallas l-ispejjez tal-kawza u s-sub inciz (3) jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha "*meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi*".

Kif qalet din il-Qorti fis sentenza fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Emanuel Aquilina**, deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, "*l-ispejjez ma ghandhomx jigu ripartiti semplicement a bazi ta' proporzjon matematiku ghat talbiet milqugha jew michud jew in proporzjon ghal xi riduzzjoni tas somma reklamata*". Anke l-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza **Chetcuti v. Citadel Insurance** (15 ta' Frar 2006) qalet li *"Ma tezisti ebda norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix li f'certi kazi l-Qorti adita tippresta l-gudizzju taghha dwar il-kap tal-ispejjez*

*bil-mod kif il-kaz b'konsiderazzjoni maturata ikun hekk koxjenzjozament jiddettalha*".

F'dan il-kaz, it-talba attrici giet milqugha kwazi fl-intier taghha u allura l-Qorti taqbel li s-socjeta` appellanti kellha tkun ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-Ewwel Istanza. Dawk tal-appell se jinqasmu skont ir-rebh u telf.

**DECIZJONI**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell principali billi tichdu, fil-waqt li tichad l-ewwel talba tal-appell incidentali u tilqa' t-tieni talba tal-appellanti indicentali – ghalhekk fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tordna li l-ispejjez ta' dik l-Istanza jigu sopportati mis-socjeta` appellanti li ghandha thallas ukoll l-ispejjez tal-appell principali taghha; dawk tal-appell incidentali jinqasmu indaqs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df